2024/1015

27.3.2024

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2024/1015

tas-26 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 [1] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024, l-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (total allowable catches, TACs) u l-limiti tal-isforz tas-sajd, u l-miżuri funzjonalment marbuta mat-TACs u mal-limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti bir-Regolament (UE) 2024/257, jiġu emendati biex iqisu l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku, kif ukoll l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, u tal-laqgħat tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (regional fisheries management organisations, RFMOs).

(2) Ir-Regolament (UE) 2024/257 stabbilixxa TAC għar-rebekkini u r-raj (*Rajiformes*) fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet 6a, 6b, 7a sa 7c u 7e sa 7k tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (International Council for the Exploration of the Sea, ICES). Dak ir-Regolament stabbilixxa wkoll kundizzjoni speċjali taħt dik it-TAC. Dik il-kundizzjoni speċjali tippermetti li l-qabdiet tar-raja għewejna (*Raja microocellata*) jinqabdu fid-diviżjoni 7e tal-ICES (il-Kanal tal-Punent) mill-Unjoni u mir-Renju Unit fl-2024, biex ikun jista' jsir sajd sentinella għall-fini tal-ġbir tad-data bbażat fuq is-sajd għal dak l-istokk kif ivvalutat mill-ICES. Sabiex tiġi prevista ċ-ċertezza legali u biex ikunu jistgħu jitwettqu "programmi ta' monitoraġġ" tas-sajd sentinella, jenħtieġ li l-kwantitajiet skont dik il-kundizzjoni speċjali jiġu allokati lill-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva u l-koeffiċjent tal-allokazzjoni għar-rebekkini u r-raj fl-ilmijiet tal-Unjoni u tar-Renju Unit tad-diviżjonijiet 6a, 6b, 7a sa 7c u 7e sa 7k tal-ICES.

(3) Fil-konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [2] ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), l-Unjoni u r-Renju Unit stabbilixxew, għall-ewwel darba, TACs għal 2024 għal: (i) il-barbun ilsien il-kelb (*Glyptocephalus cynoglossus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES; (ii) il-lingwata ħalqha żgħir (*Microstomus kitt*) f'dik iż-żona; u (iii) il-barbun lixx (*Scophthalmus rhombus*) f'dik iż-żona. Sakemm jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri dwar kif għandhom jiġu allokati dawk l-opportunitajiet tas-sajd, it-TACs għal dawk l-istokkijiet ġew immarkati fir-Regolament (UE) 2024/257 "għad iridu jiġu stabbiliti". Jenħtieġ li t-TAC u l-kwota tal-Unjoni għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti għall-perjodu u fil-livell miftiehem mar-Renju Unit, u jenħtieġ li dawk il-kwoti tal-Unjoni jiġu allokati lill-Istati Membri f'konformità mal-ftehim milħuq bejn l-Istati Membri kkonċernati dwar il-koeffiċjenti tal-allokazzjoni għal dawk l-istokkijiet fit-18 ta' Marzu 2024.

(4) Fis-7 u t-8 ta' Marzu 2024, l-Unjoni u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet bilaterali skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni dwar il-livell tat-TAC għaċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati (*Ammodytes* spp.) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a. L-eżitu ta' dawk il-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub iffirmat fit-12 ta' Marzu 2024. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-TAC rilevanti tiġi stabbilita fil-livell miftiehem mar-Renju Unit.

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.01.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

[2] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(5) Fit-12-il laqgħa annwali tagħha fl-2024, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (South Pacific Regional Fisheries Management Organisation, SPRFMO) adottat limiti ta' qbid għas-sawrell (*Trachurus murphyi*) u żammet is-sajd esploratorju għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.). Barra minn hekk, l-SPRFMO żammet jew emendat miżuri funzjonalment marbuta. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(6) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (Western and Central Pacific Fisheries Commission, WCPFC) iddeċidiet li żżomm il-limiti tal-isforz tas-sajd bit-tartarun tal-borża u l-għadd massimu ta' dawn il-bastimenti li jistadu għat-tonn tropikali. Ġew emendati d-dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni tat-Tagħmir biex Jinqabad il-Ħut (Fish Aggregating Devices, FADs) fis-sajd għat-tonn tropikali, u b'mod partikolari mal-għeluq tal-FAD. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(7) Il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn (*Thunnus thynnus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas, ICCAT) u l-input u l-kapaċità massimi għall-farms tat-tonn fl-Unjoni, f'dik iż-żona, huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fil-pjanijiet annwali għas-sajd, fil-pjanijiet annwali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd u fil-pjanijiet għall-ġestjoni tat-trobbija għat-tonn fl-Istati Membri, stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 11, 13 u 15 tar-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). L-Istati Membri għandhom jissottomettu dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2023/2053. Dawk il-pjanijiet imbagħad jiġu kkompilati mill-Kummissjoni u jiffurmaw il-bażi għall-istabbiliment ta' pjan annwali tal-Unjoni, li jintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT għad-diskussjoni u l-approvazzjoni mill-ICCAT, kif meħtieġ mill-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2023/2053. F'konformità mar-regoli tal-ICCAT riveduti fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-farms tat-tonn inattivi u l-kapaċitajiet tat-trobbija relatati għall-ewwel darba ma ġewx inklużi f'dak il-pjan annwali tal-Unjoni għall-2024. Il-pjan annwali tal-Unjoni għall-2024 ġie approvat mill-ICCAT fis-6 ta' Marzu 2024. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti tal-isforz tas-sajd tal-Unjoni u l-input u l-kapaċità massimi tat-trobbija tal-ħut tal-Unjoni għall-2024 jiġu emendati f'konformità ma' dak il-pjan annwali.

(8) Il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għall-2024 ġew aġġustati matul il-laqgħa annwali tal-ICCAT f'Novembru 2023 f'konformità ma' diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li skonthom l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal stabbilit tal-kwota mhux użata tagħha tal-opportunitajiet tas-sajd mill-2022 għall-2024. Għalhekk, u sabiex ikun permess, qabel il-bidu tal-istaġuni tas-sajd għall-istokkijiet ikkonċernati, l-użu ta' dawk il-kwantitajiet trasferiti: (i) jenħtieġ li l-kwoti tal-Unjoni għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) (ALB/AN05N), għall-alonga tan-Nofsinhar (ALB/AS05N), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT), kif ukoll għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/AN05N), u għall-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N (SWO/AS05N) jiġu emendati biex jirriflettu tali aġġustamenti għall-kwota tal-Unjoni; u (ii) jenħtieġ li l-kwoti tal-Istati Membri taħt dawk il-kwoti tal-Unjoni jiġu emendati skont dan, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

(9) Fl-14-il laqgħa tagħha li saret f'Samarkand, l-Użbekistan, mit-12 sas-17 ta' Frar 2024, il-Konferenza tal-Partijiet (Conference of the Parties, COP) għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (Conservation of Migratory Species of Wild Animals, CMS) żiedet it-tawru (*Carcharias taurus*) mas-speċijiet protetti elenkati fl-Appendiċi I u II ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni billi jiġu pprojbiti: (i) il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet kollha; u (ii) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni, biex jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art dik l-ispeċi. Madankollu, l-Artikolu 98(2) tar-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) diġà stabbilixxa tali projbizzjoni għas-sajd tat-tawru fil-Mediterran. Għalhekk, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-istess suġġett, fir-rigward tal-Mediterran, jenħtieġ li tali projbizzjoni issa tiġi stabbilita biss għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet kollha għajr il-Mediterran, u għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(10) Kemm l-Artikolu 41(3) kif ukoll l-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2024/257 jirreferu għall-istess għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fiż-żoni taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC. Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 41(3) jitħassar għal raġunijiet ta' ċarezza legali.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (GFCM) (ĠU L, 2023/2124, 12.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2124/oj)

(11) Jenħtieġ li l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) 2024/257 dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni jiġi kkoreġut fir-rigward ta' miżuri dwar is-sallura (*Anguilla anguilla*) fl-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-Unjoni tas-subżoni 3, 8, 4, 6, 7 u 9 tal-ICES, u l-ilmijiet salmastri tal-Unjoni li jmissu magħhom.

(12) Jenħtieġ li ċerti żbalji fit-tabelli tat-TAC fl-Annessi tar-Regolament (UE) 2024/257 jiġu kkoreġuti. Dawn jinkludu żbalji li jikkonċernaw: (i) it-TACs, il-kwoti tal-Unjoni u tal-Istati Membri; (ii) it-tip ta' TAC (jiġifieri "TAC analitika" jew "TAC prekawzjonarja"); (iii) l-applikazzjoni tal-flessibbiltà minn sena għal sena għall-kwoti tal-Istati Membri skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ([5]); (iv) deskrizzjonijiet taż-żoni; u (v) kodiċijiet ta' rapportar. Barra minn hekk, f'dawk l-Annessi, jenħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet jiġu ċċarati fi: (i) it-tabelli tat-TAC għar-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 8 u 9 tal-ICES u rispettivament; u (ii) it-tabelli tat-TAC għall-kavall (*Scomber scombrus*) fil-Baħar tat-Tramuntana u fil-Baħar Baltiku.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/257 jiġi emendat kif xieraq.

(14) L-opportunitajiet tas-sajd previsti fir-Regolament (UE) 2024/257 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti.

(15) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw it-tawru japplikaw mill-1 ta' April 2024, li huwa: (i) wara l-14-il laqgħa tal-COP għas-CMS, li saret mit-12 sas-17 ta' Frar 2024; u (ii) qabel id-dħul fis-seħħ tal-emenda għall-Appendiċijiet I u II tas-CMS fis-17 ta' Mejju 2024.

(16) Minħabba l-urġenza li jiġu evitati interruzzjonijiet fl-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257

Ir-Regolament (UE) 2024/257 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 20(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) it-tawru (*Carcharias taurus*) fl-ilmijiet kollha għajr dawk tal-Mediterran;";

(2) fl-Artikolu 41, jitħassar il-paragrafu 3;

(3) l-Artikolu 42 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 42*

Ġestjoni ta' sajd b'FADs

1. Fil-Parti taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, bastimenti awżiljarji, u kwalunkwe bastiment ieħor li jopera b'appoġġ għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, ma għandhomx jużaw jew iħaddmu FADs jew iqiegħdu xbieki fuqhom bejn il-ħinijiet ta' 00.00 fl-1 ta' Lulju 2024 u 24.00 fil-15 ta' Awwissu 2024.

2. Minbarra l-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, għandu jkun ipprojbit li jitqiegħdu xbieki fuq l-FADs fl-ibħra internazzjonali taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S għal xahar addizzjonali, minn 00.00 tal-1 ta' April 2024 sa 24.00 tat-30 ta' April 2024, jew minn 00.00 tal-1 ta' Mejju 2024 sa 24.00 tal-31 ta' Mejju 2024, jew minn 00.00 tal-1 ta' Novembru 2024 sa 24.00 tat-30 ta' Novembru 2024, jew minn 00.00 tal-1 ta' Diċembru 2024 sa 24.00 tal-31 ta' Diċembru 2024.

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

3. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddeterminaw liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2024 dwar l-istaġun magħluq magħżul. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tad-WCPFC dwar il-perjodi ta' għeluq magħżula mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Marzu 2024.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li ebda wieħed mill-bastimenti tiegħu b'tartarun tal-borża ma jqiegħed fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 tagħmir biex jinġabar il-ħut bil-bagi tal-istrumenti attivati. Il-bagi għandhom jiġu attivati esklużivament abbord bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża.";

(4) fl-Artikolu 55(1), jiddaħħal il-punt li ġej:

"aa) tawru (Carcharias taurus) fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni;";

(5) fl-Artikolu 59, il-punti (a) u (b) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-Artikolu 13(1) u (7), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Marzu 2025;

(b) l-Artikolu 13(2) sa (6) għandu japplika mill-1 ta' April 2024 sal-31 ta' Marzu 2025;";

(6) fl-Artikolu 59, jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ca) l-Artikolu 20(1), il-punt (ba) għandu japplika mill-1 ta' April 2024;

(ga) l-Artikolu 55(1), il-punt (aa) għandu japplika mill-1 ta' April 2024;";

(7) l-Annessi IA, IG, IH, VI, IX u XI huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
D. CLARINVAL

ANNESS

L-Annessi IA, IG, IH, VI, IX u XI tar-Regolament (UE) 2024/257 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 1

Speċi:	Iċ-ċiċċirell u l-qabdiet aċċessorji assoċjati miegħu *Ammodytes* spp.		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a
Id-Danimarka	158 096	(1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	241	(1)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Iżvezja	5 805	(1)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Unjoni	164 142			
Ir-Renju Unit	5 269			
TAC	169 411			

(1) Sa 2 % tal-kwota tista' tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-kavall (OT1/*2A3A4X). Flimkien, il-qabdiet aċċessorji tal-merlangu u tal-kavall li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma għandux jinqabad iktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell, kif definit fl-Anness III:

Żona: l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/234_1R)(1)	(SAN/234_2R)(1)	(SAN/234_3R)(2)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6)(1)	(SAN/234_7R)
Id-Danimarka	119 773	33 526	4 666	0	0	131	0
Il-Ġermanja	183	51	7	0	0	0	0
L-Iżvezja	4 398	1 231	171	0	0	5	0
L-Unjoni	124 354	34 808	4 844	0	0	136	0
Ir-Renju Unit	3 992	1 117	156	0	0	4	0
Total	128 346	35 925	5 000	0	0	140	0

(1) Sa 10 % ta' din il-kwota tista' tinħażen u tintuża fis-sena ta' wara f'din iż-żona ta' ġestjoni biss.

(2) Din il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell 3r bħala TAC ta' monitoraġġ bi protokoll għat-teħid tal-kampjuni assoċjat għas-sajd."

(2) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 29 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 29

Speċi:	Barbun ilsien il-kelb *Glyptocephalus cynoglossus*		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (WIT/03A-C.)
Id-Danimarka	542	(1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	1	(1)		
In-Netherlands	1	(1)		
L-Iżvezja	113	(1)		
L-Unjoni	657	(1)		
TAC	657			

(1) Li minnhom sa 100 % minn din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (WIT/*2AC4-C1)."

(3) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 60 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 60

Speċi:	Lingwata ta' ħalqha żgħir u barbun ilsien il-kelb *Microstomus kitt* u *Glyptocephalus cynoglossus*		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (L/W/2AC4-C)
Il-Belġju	121		TAC prekawzjonarja	
Id-Danimarka	335			
Il-Ġermanja	43			
Franza	92			
In-Netherlands	278			
L-Iżvezja	4			
L-Unjoni	873	(3)(4)		
Ir-Renju Unit	1 666	(1)(2)		
TAC	2 539			

(1) Li minnhom sa 1 125 tunnellata ta' lingwata ta' ħalqha żgħir jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (LEM/*2AC4-C); u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żona 7d (LEM/*07D.).

(2) Li minnhom sa 541 tunnellata ta' barbun ilsien il-kelb jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (WIT/*2AC4-C); u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żona 7d (WIT/*07D.).

(3) Li minnhom sa 590 tunnellata ta' lingwata ta' ħalqha żgħir jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (LEM/*2AC4-C); l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (LEM/*03A-C); u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żona 7d (LEM/*07D.).

82	Il-Belġju
226	Id-Danimarka
29	Il-Ġermanja
62	Franza
188	In-Netherlands
3	L-Iżvezja

(4)	Li minnhom sa 283 tunnellata ta' barbun ilsien il-kelb jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (WIT/*2AC4-C), fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (WIT/*03A-C); u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żona 7d (WIT/*07D.).	
	Il-Belġju	39
	Id-Danimarka	109
	Il-Ġermanja	14
	Franza	30
	In-Netherlands	90
	L-Iżvezja	1"

(4) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 61 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 61

Speċi:	Lingwata ta' ħalqha żgħir *Microstomus kitt*		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (LEM/03A-C.)
Id-Danimarka	170	(1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	2	(1)		
In-Netherlands	10	(1)		
L-Iżvezja	5	(1)		
L-Unjoni	187	(1)		
TAC	187			

(1) Li minnhom sa 100 % minn din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (LEM/*2AC4-C1)."

(5) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 68 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 68

Speċi:	Lipp *Molva molva*	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (LIN/03A-C.)
Il-Belġju	11	TAC prekawzjonarja	
Id-Danimarka	88		
Il-Ġermanja	11		
L-Iżvezja	34		
L-Unjoni	144		
Ir-Renju Unit	0		
TAC	144"		

(6) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 73 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 73

Speċi:	Skampu *Nephrops norvegicus*	Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (NEP/2AC4-C)
Il-Belġju	1 107,5	TAC analitika	
Id-Danimarka	1 107,5	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	16		
Franza	33		
In-Netherlands	570		
L-Unjoni	2 834		
Ir-Renju Unit	18 350		
TAC	21 184"		

(7) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 78 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 78

Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (PRA/2AC4-C)
Id-Danimarka	588	(1)	TAC prekawzjonarja	
In-Netherlands	6	(1)	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Iżvezja	24	(1)		
L-Unjoni	618	(1)		
Ir-Renju Unit	174	(1)		
TAC	792	(1)		

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett għall-Gamblu tat-Tramuntana fil-kuntest ta' din il-kwota."

(8) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 79 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 79

Speċi:	Gamblu tat-Tramuntana *Pandalus borealis*		Żona:	l-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (PRA/4N-S62)
Id-Danimarka	50		TAC analitika	
L-Iżvezja	123	(1)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Unjoni	173		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	Mhux rilevanti			

(1) Il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed iridu jinqatgħu mill-kwoti ta' dawn l-ispeċijiet."

(9) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 93 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 93

Speċi:	Barbun imperjali u barbun lixx *Scophthalmus maximus* u *Scophthalmus rhombus*		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (T/B/2AC4-C)
Il-Belġju	251		TAC analitika	
Id-Danimarka	537		Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	137			
Franza	65			
In-Netherlands	1 904			
L-Iżvezja	4			
L-Unjoni	2 898	(3)(4)		
Ir-Renju Unit	708	(1)(2)		
TAC	3 606			

(1) Li minnhom sa 400 tunnellata ta' barbun imperjali jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (TUR/*2AC4-C).

(2) Li minnhom sa 308 tunnellati ta' barbun imperjali jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (BLL/*2AC4-C); u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żoni 7d u 7e (BLL/*7DE).

(3) Li minnhom sa 1 638 tunnellata ta' barbun imperjali jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni fiż-żona 4 u l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (TUR/*2AC4-C).

Il-Belġju	142
Id-Danimarka	303
Il-Ġermanja	77
Franza	37
In-Netherlands	1 077
L-Iżvezja	2

(4)	Li minnhom sa 1 260 tunnellata ta' barbun imperjali jistgħu jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4 u fl-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a (BLL/* 2AC4-C); fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (BLL/*03A-C); u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żoni 7d u 7e (BLL/*7DE).

Il-Belġju	109
Id-Danimarka	233
Il-Ġermanja	60
Franza	28
In-Netherlands	828
L-Iżvezja	2"

(10) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 94 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 94

Speċi:	Barbun lixx *Scophthalmus rhombus*		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 3a (BLL/03A-C.)
Id-Danimarka	116	(1)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	0	(1)		
In-Netherlands	11	(1)		
L-Iżvezja	21	(1)		
L-Unjoni	148	(1)		
TAC	148			

(1)	Li minnhom sa 100 % minn din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni fiż-żona 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żoni 2a (BLL/*2AC4-C1)."

(11) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 98 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 98

Speċi:	Rebekkini u raj *Rajiformes*		Żona:	l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni 6a, 6b, 7a-c u 7e-k (SRX/67AKXD)
Il-Belġju	824	(1)(2)(3)(4)(5)	TAC prekawzjonarja	
L-Estonja	5	(1)(2)(3)(4)(5)		
Franza	3 702	(1)(2)(3)(4)(5)		
Il-Ġermanja	11	(1)(2)(3)(4)(5)		
L-Irlanda	1 191	(1)(2)(3)(4)(5)		
Il-Litwanja	19	(1)(2)(3)(4)(5)		
In-Netherlands	3	(1)(2)(3)(4)(5)		
Il-Portugall	20	(1)(2)(3)(4)(5)		
Spanja	996	(1)(2)(3)(4)(5)		
L-Unjoni	6 771	(1)(2)(3)(4)(5)		
Ir-Renju Unit	2 985	(1)(2)(3)(4)(5)		
TAC	9 756	(3)(4)(5)		

(1) Il-qabdiet tar-raja kukù (*Leucoraja naevus*) (RJN/67AKXD), tar-raja tal-fosos (*Raja clavata*) (RJC/67AKXD), tar-raja batra (*Raja brachyura*) (RJH/67AKXD), tar-raja tal-għajn (*Raja montagui*) (RJM/67AKXD), tar-raja rotonda (*Leucoraja circularis*) (RJI/67AKXD) u tar-raja petruża (*Leucoraja fullonica*) (RJF/67AKXD) għandhom jiġu rrapportati b'mod separat.

(2) Kundizzjoni speċjali: li minnhom sa 5 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 7d (SRX/*07D.), mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stipulati fil-liġi tal-Unjoni u tar-Renju Unit għaż-żoni speċifikati hemmhekk. Il-qabdiet tar-raja kukù (*Leucoraja naevus*) (RJN/*07D.), tar-raja tal-fosos (*Raja clavata*) (RJC/*07D.), tar-raja batra (*Raja brachyura*) (RJH/*07D.), tar-raja tal-għajn (*Raja montagui*) (RJM/*07D.), tar-raja rotonda (*Leucoraja circularis*) (RJI/*07D.) u tar-raja petruża (*Leucoraja fullonica*) (RJF/*07D.) għandhom jiġu rrapportati b'mod separat. Din il-kundizzjoni speċjali ma għandhiex tapplika għar-raja għewejna (*Raja microocellata*) u għar-raja ondjata *(Raja undulata*).

(3) Din ma għandhiex tapplika għar-raja ondjata (*Raja undulata*). Il-qabdiet ta' din l-ispeċi fiż-żona 7e għandhom jinqatgħu mill-kwantitajiet previsti f'dik it-TAC separata (RJU/7DE). Meta eżemplari ta' din l-ispeċi jinqabdu bi żball fiż-żoni 6a, 6b, 7a-c u 7f-k, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari għandhom jinħelsu minnufih. Is-sajjieda għandhom jitħeġġu sabiex jiżviluppaw u jużaw tekniki u tagħmir biex jiffaċilitaw ir-rilaxx b'ħeffa u bla ħsara ta' din l-ispeċi.

(4) Ma għandhiex tapplika għar-raja għewejna (*Raja microocellata*) għajr fiż-żoni 7e, 7f u7g. Meta din l-ispeċi tinqabad bi żball, ma għandhiex issirilha ħsara. L-eżemplari għandhom jinħelsu minnufih. Is-sajjieda għandhom jitħeġġu sabiex jiżviluppaw u jużaw tekniki u tagħmir biex jiffaċilitaw ir-rilaxx b'ħeffa u bla ħsara ta' din l-ispeċi. Fil-limiti tal-kwoti ta' hawn fuq, fiż-żoni 7f u 7g ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet tar-raja għewejna mogħtija hawn taħt.

Speċi:	Raja għewejna		Żona:	7f u 7g
	Raja microocellata			(RJE/7FG.)
Il-Belġju	5	(1)	TAC prekawzjonarja	
L-Estonja	0	(1)		
Franza	22	(1)		
Il-Ġermanja	0	(1)		
L-Irlanda	7	(1)		
Il-Litwanja	0	(1)		
In-Netherlands	0	(1)		
Il-Portugall	0	(1)		
Spanja	6	(1)		
L-Unjoni	40	(1)		
Ir-Renju Unit	46	(1)		
TAC	86			

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minn din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 7d u tiġi rrapportata b'dan il-kodiċi: (RJE/*07D.). Din il-kundizzjoni speċjali hija mingħajr preġudizzju għall-projbizzjonijiet stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni u tar-Renju Unit għaż-żoni speċifikati fiha.

(5) Fil-limiti tal-kwota msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet tar-raja għewejna pprovduti hawn taħt fid-diviżjoni 7e sabiex ikun jista' jsir sajd sentinella għall-fini tal-ġbir tad-data bbażat fuq is-sajd għall-istokk kif ivvalutat mill-ICES.

Speċi:	Raja għewejna *Raja microocellata*		Żona:	7e (RJE/07E.)
Il-Belġju	1	(1)	TAC prekawzjonarja	
L-Estonja	0	(1)		
Franza	6	(1)		
Il-Ġermanja	0	(1)		
L-Irlanda	2	(1)		
Il-Litwanja	0	(1)		
In-Netherlands	0	(1)		
Il-Portugall	0	(1)		
Spanja	2	(1)		
L-Unjoni	11	(1)		
Ir-Renju Unit	5	(1)		
TAC	16			

(1) Huma biss il-bastimenti li jipparteċipaw fi 'programmi ta' monitoraġġ' tas-sajd sentinella għar-raja għewejna fiż-żona 7e li jistgħu jħottu l-art il-qabdiet ta' dan l-istokk. L-eżemplari li jinqabdu minn bastimenti oħra ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu minnufih. Kull Parti għandha tiddetermina b'mod indipendenti kif talloka l-kwota tagħha lill-bastimenti li jipparteċipaw fil-programmi ta' monitoraġġ tagħha. Il-bastimenti parteċipanti ser ikunu meħtieġa jiġbru u jikkondividu data dwar: il-ħatt l-art u l-qbid skartat, u preferibbilment id-data karatteristika bijoloġika tal-qabda (it-tul, il-piż u s-sess)."

(12) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 101, it-tabelli fin-nota 2 f'qiegħ il-paġna huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Speċi:	Raja ondjata *Raja undulata*		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 8 (RJU/8-C.)
Il-Belġju	0			TAC prekawzjonarja
Franza	13	(1)		
Il-Portugall	10			
Spanja	10	(2)		
L-Unjoni	33			
Ir-Renju Unit	0			
TAC	33			

(1) 28,5 tunnellati addizzjonali jistgħu jiġu allokati lil bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd sentinella biex jippermettu l-ġbir tad-data bbażata fuq is-sajd għal dan l-istokk kif imfassal minn istitut xjentifiku nazzjonali. Il-qabdiet minn din l-allokazzjoni addizzjonali għandhom jiġu rrapportati b'mod separat (RJU/8-C.SEN). Franza għandha tikkomunika l-isem/ismijiet tal-bastiment(i) lill-Kummissjoni qabel ma tippermetti kwalunkwe qabdiet. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiltà relattiva.

(2)	21,5 tunnellati addizzjonali jistgħu jiġu allokati lil bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd sentinella biex jippermettu l-ġbir tad-data bbażata fuq is-sajd għal dan l-istokk kif imfassal minn istitut xjentifiku nazzjonali. Il-qabdiet minn din l-allokazzjoni addizzjonali għandhom jiġu rrapportati b'mod separat (RJU/8-C.SEN). Spanja għandha tikkomunika l-isem jew l-ismijiet tal-bastiment jew tal-bastimenti lill-Kummissjoni qabel ma jiġu permessi l-qabdiet. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiltà relattiva.

Speċi:	Raja ondjata		Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 9
	Raja undulata			(RJU/9-C.)
Il-Belġju	0		TAC prekawzjonarja	
Franza	20			
Il-Portugall	15	(1)		
Spanja	15			
L-Unjoni	50			
Ir-Renju Unit	0			
TAC	50			

(1)	50 tunnellata addizzjonali jistgħu jiġu allokati lil bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd sentinella biex jippermettu l-ġbir tad-data bbażata fuq is-sajd għal dan l-istokk kif imfassal minn istitut xjentifiku nazzjonali. Il-qabdiet minn din l-allokazzjoni addizzjonali għandhom jiġu rrapportati b'mod separat (RJU/9-C.SEN). Il-Portugall għandu jikkomunika l-isem jew l-ismijiet tal-bastiment jew tal-bastimenti lill-Kummissjoni qabel ma jippermettu l-qabdiet. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiltà relattiva."

(13) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 103 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Tabella 103

Speċi:	Kavall *Scomber scombrus*		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit fiż-żona 4; l-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni 2a u 4a (MAC/2A34-N)
Il-Belġju	476	(1)(2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	27 882	(1)(2)(4)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	496	(1)(2)		
Franza	1 498	(1)(2)		
In-Netherlands	1 508	(1)(2)		
L-Iżvezja	4 569	(1)(2)(3)		
L-Unjoni	36 429	(1)(2)		
TAC	739 386			

(1) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti ta' hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin.

	3a (MAC/*03A.)	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 3a, 4b u 4c (MAC/*3A4-BC)	4b (MAC/*04B.)	4c (MAC/*04C.)	L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali fiż-żoni 2a, 5b, 6, 7, 8d, 8e, 12 u 14 (MAC/*2AX14)
Il-Belġju	0	0	0	0	286
Id-Danimarka	0	4 130	0	0	9 774
Il-Ġermanja	0	0	0	0	298
Franza	0	490	0	0	899
In-Netherlands	0	490	0	0	905
L-Iżvezja	0	0	390	10	2 741
L-Unjoni	0	5 110	390	10	14 903

(2) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, u bi qbil mal-Istat kostali rilevanti, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żewġ żoni li ġejjin:

	l-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni 2a u 4a (MAC/*02A4AN-)	l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (MAC/*FRO1)
Il-Belġju	0	Trid tiġi stabbilita
Id-Danimarka	0	Trid tiġi stabbilita
Il-Ġermanja	0	Trid tiġi stabbilita
Franza	0	Trid tiġi stabbilita
In-Netherlands	0	Trid tiġi stabbilita
L-Iżvezja	0	Trid tiġi stabbilita
L-Unjoni	0	Trid tiġi stabbilita

(3) Kundizzjoni speċjali: inkluż dan it-tunnellaġġ li jrid jinqabad fl-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni 2a u 4a (MAC/*2A4AN):

322

Meta jkun qed isir is-sajd skont din il-kundizzjoni speċjali, il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed iridu jinqatgħu mill-kwoti ta' dawn l-ispeċijiet.

(4) Fil-limiti ta' din il-kwota, id-Danimarka tagħmel it-trasferimenti li ġejjin biex jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni taż-żoni 6, 7, 8d; L-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni 8a, 8b u 8e; l-ilmijiet internazzjonali ta' 12 u 14; u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żoni 2a u 5b (MAC/*2A14):

Il-Ġermanja	531
Spanja	1
L-Estonja	4
Franza	354
L-Irlanda	1 769
Il-Latvja	3

Il-Litwanja	3
In-Netherlands	774
Il-Polonja	37”

(14) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 106, in-nota 1 f’qiegħ il-paġna hija sostitwita b’dan li ġej:

“(1) Jistgħu jinqabdu biss fl-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żona 4 (SOL/*04-EU).”

(15) Fl-Anness IA, il-Parti B, it-Tabella 111 hija sostitwita b’dan li ġej:

“Tabella 111

Speċi:	Lingwata komuni *Solea solea*	Żona:	7f u 7g (SOL/7FG.)
Il-Belġju	730	TAC analitika	
Franza	73	Japplika l-Artikolu 7(2) ta’ dan ir-Regolament	
L-Irlanda	37		
L-Unjoni	840		
Ir-Renju Unit	405		
TAC	1 267”		

(16) Fl-Anness ID, it-Tabelli 7, 8, 11, 14, 15 u 16 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“Tabella 7

Speċi:	Alonga tat-Tramuntana *Thunnus alalunga*		Żona:	l-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta’ 5°N (ALB/AN05N)
L-Irlanda	4 310,57		TAC analitika	
Spanja	24 295,97		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Franza	7 641,47		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Il-Portugall	2 664,72			
L-Unjoni	38 912,73	(1)(2)		
TAC	47 251			

(1) L-għadd ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-alonga tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira għandu jkun: 1 241.

(2) Kundizzjoni speċjali: Fil-limitu ta’ din il-kwota, ma tistax tinqabad iżjed mill-kwantità li ġejja fl-ilmijiet tar-Renju Unit (ALB/* AN05N-UK): 280,00.

Tabella 8

Speċi:	Alonga tan-Nofsinhar *Thunnus alalunga*	Żona:	l-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5°N (ALB/AS05N)
Spanja	1 051,30		TAC analitika
Franza	345,49		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Il-Portugall	735,71		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
L-Unjoni	2 132,50		
TAC	28 000		

Tabella 11

Speċi:	Tonn obeż *Thunnus obesus*		Żona:	l-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT)
Spanja	8 079,90	(1)		TAC analitika
Franza	3 431,99	(1)		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Il-Portugall	3 067,50	(1)		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
L-Unjoni	14 579,39	(1)		
TAC	62 000	(1)		

(1) Il-qabdiet tat-tonn obeż minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża (BET/*ATLPS) u bil-konz b'tul totali ta' 20 metru u aktar (BET/*ATLLL) għandhom jiġu rrapportati b'mod separat. Minn Ġunju, meta l-qabdiet jilħqu t-80 % tal-kwota, l-Istati Membri huma meħtieġa jittrażmettu l-qabdiet għal dawn il-bastimenti tas-sajd kull ġimgħa.

Tabella 14

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*		Żona:	l-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5°N (SWO/AN05N)
Spanja	6 294,13	(2)		TAC analitika
Il-Portugall	1 143,97	(2)		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
Stati Membri oħra	168,10	(1)(2)		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
L-Unjoni	7 606,20			
TAC	13 200			

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (SWO/AN05N_AMS).

(2) Kundizzjoni speċjali: sa 2,39 % ta' din il-kwantità tista' tinqabad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5° N (SWO/*AS05N). Il-qabdiet li jridu jinqatgħu mill-kundizzjoni speċjali ta' din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (SWO/*AN05N_AMS).

Tabella 15

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*		Żona:	l-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta' 5°N (SWO/AS05N)
Spanja	4 978,46	(1)	TAC analitika	
Il-Portugall	327,94	(1)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
L-Unjoni	5 306,40		L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
TAC	10 000			

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 3,5 % ta' din il-kwantità tista' tinqabad fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta' 5° N (SWO/*AN05N).

Tabella 16

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*		Żona:	il-Baħar Mediterran (SWO/MED)
Il-Kroazja	13,74	(1)(2)	TAC analitika	
Ċipru	50,67	(1)(2)	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Spanja	1 565,04	(1)(2)	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Franza	109,08	(1)(2)		
Il-Greċja	1 036,02	(1)(2)		
L-Italja	3 208,44	(1)(2)		
Malta	380,64	(1)(2)		
L-Unjoni	6 363,63	(1)(2)		
TAC	9 017			

(1) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru.

(2) Kundizzjoni speċjali: il-qabdiet aċċessorji tal-pixxispad tal-Mediterran għandhom jinqatgħu minn din il-kwota, iżda għandhom jiġu rrapportati separatament (SWO/MED-BC). Il-qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran mejjet maqbuda waqt is-sajd sportiv u rikreattiv għandhom jinqatgħu minn din il-kwota, iżda għandhom jiġu rrapportati separatament (SWO/MED-SR)."

(17) Fl-Anness ID, it-Tabella 12, in-noti 5 u 6 f'qiegħ il-paġna huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(5) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid li ġejjin u l-allokazzjoni li ġejja fost l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm li jsiru mill-bastimenti msemmijin fil-punt 3 tal-Anness VI (BFT/*643):

L-Italja	105,66
L-Unjoni	105,60

(6) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' din it-TAC, għandhom japplikaw il-limiti ta' qbid u l-allokazzjonijiet li ġejjin fost l-Istati Membri għall-qabdiet tat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm li jsiru mill-bastimenti msemmija fil-punt 3 tal-Anness VI għall-finijiet ta' trobbija (BFT/*8303F):

Il-Kroazja	952,17
L-Unjoni	952,17"

(18) L-Anness IF huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IF*

TONN TAN-NOFSINHAR – ŻONI TA' DISTRIBUZZJONI

Speċi:	Tonn tan-Nofsinhar *Thunnus maccoyii*		Żona:	iż-żoni kollha ta' distribuzzjoni (SBF/F41-81)
L-Unjoni	13	(1)	TAC analitika	
TAC	20 642		L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota."

(19) L-Anness IG huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS IG*

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

Tabella 1

Speċi:	Tonn obeż *Thunnus obesus*		Żona:	Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (BET/WCPFC)
L-Unjoni	2 000	(1)	TAC prekawzjonarja	
TAC	Mhux rilevanti	(1)		

(1) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-bastimenti li jużaw il-konzijiet.

Tabella 2

Speċi:	Pixxispad *Xiphias gladius*	Żona:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20°S (SWO/F7120S)
L-Unjoni	3 170,36	TAC prekawzjonarja	
TAC	Mhux rilevanti"		

(20) l-Anness IH huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IH

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

Tabella 1

Speċi:	Pixxisinna *Dissostichus* spp.	Żona:	iż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, il-blokok ta' riċerka A u B [1] (TOT/SPR-AB)
TAC	162 [2][3][4]	TAC prekawzjonarja	

[1] Blokk ta' riċerka A:

— NW 50°30'S, 136°E

— NE 50°30'S, 140°30'E

— SE 54°50'S, 140°30'E

— SW 54°50'S, 136°E

Blokk ta' riċerka B:

— NW 52°45'S, 140°30'E

— NE 52°45'S, 145°30'E

— SE 54°50'S, 145°30'E

— SW 54°50'S, 140°30'E

[2] Din it-TAC annwali hija għal sajd esploratorju biss. Is-sajd għandu jkun limitat għal fond ta' bejn 600 m u 2 500 m. Is-sajd għandu jkun limitat għal vjaġġ wieħed ta' durata massima ta' 60 jum konsekuttiv li jista' jseħħ fi kwalunkwe żmien bejn l-1 ta' Mejju u l-15 ta' Novembru 2024. Mill-1 sal-15 ta' Novembru 2024, il-konzijiet għandhom jiġu ssettjati bil-lejl biss u s-sajd kollu għandu jieqaf minnufih jekk isseħħ il-mewt ta' dan li ġej:

a) eżemplar wieħed minn xi waħda mill-ispeċijiet li ġejjin: l-albatru li jgħajjat (*Diomedea exulans*), l-albatru ta' rasu griża (*Thalassarche chrysostoma*), l-albatru tal-ħuġbejn suwed (*Thalassarche melanophris*), il-kanġu griż (*Procellaria cinerea*), il-kanġu ta' rixu griż u abjad (*Pterodroma mollis*); jew

b) tliet eżemplari ta' xi waħda mill-ispeċijiet li ġejjin: l-albatru griż (*Phoebetria palpebrata*), il-kanġu kbir tan-Nofsinhar (*Macronectes giganteus*) u l-kanġu kbir tat-Tramuntana (*Macronectes halli*).

Is-sajd għandu jkun limitat ukoll għal għadd massimu ta' 5 000 sunnara għal kull sett, b'massimu ta' 100 sett. Il-konzijiet għandhom jiġu ssettjati mill-inqas 3 mili nawtiċi lil hinn minn xulxin, u ma għandhomx jiġu ssettjati f'postijiet tas-sajd bil-konz preċedenti fi żmien sena kalendarja. Is-sajd għandu jieqaf meta tintlaħaq it-TAC jew meta jkunu tniżżlu u nġabru 100 sett matul il-vjaġġ, skont liema minn dawn iseħħ l-ewwel.

[3] Li minnhom jistgħu jinqabdu sa 129 tunnellata fil-blokka tar-riċerka A. Qabdiet ta' pixxisinna fil-blokka ta' riċerka A għandhom jiġu rrappurtati separatament (TOT/SPR-A).

[4] Li minnhom jistgħu jinqabdu sa 33 tunnellata fil-blokka tar-riċerka B. Qabdiet ta' pixxisinna fil-blokka ta' riċerka B għandhom jiġu rrappurtati separatament (TOT/SPR-B).

Tabella 2

Speċi:	Sawrell *Trachurus murphyi*	Żona:	żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (CJM/SPRFMO)
Il-Ġermanja	18 622,82	TAC analitika	
In-Netherlands	20 185,21	L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Il-Litwanja	12 958,23	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika	
Il-Polonja	22 280,74		
L-Unjoni	74 047,00		
TAC	Mhux rilevanti”		

(21) Fl-Anness VI, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

Tabella A

	Għadd ta' bastimenti tas-sajd [1]							
	Il-Greċja [2]	Spanja	Franza	Il-Kroazja	L-Italja	Ċipru [3]	Malta [4]	Il-Portugall
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża [5]	0	7	22	18	21	1	2	0
Bastimenti tas-sajd bil-konz	0	38	23	0	40	17	63	0
Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	0	66	8	0	0	0	0	0
Xlief	0	1	47	24	0	0	0	0
Bastiment tat-tkarkir	0	0	56	0	0	0	0	0
Bastimenti kostali fuq skala żgħira	64	696	89	0	0	0	0	0
Dgħajjes oħra tas-sajd artiġjanali [6]	41	0	60	0	142	0	240	76

[1] In-numri f'din it-tabella jistgħu jkomplu jiżdiedu, dment li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.
[2] Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jkun ġie sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew minn bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża żgħir u tliet bastimenti oħra tas-sajd artiġjanali.
[3] Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz jew minn bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża żgħir u mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konz.
[4] Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konz.
[5] L-għadd individwali ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża f'din it-tabella huwa r-riżultat ta' trasferimenti bejn l-Istati Membri u ma jikkostitwixxix drittijiet storiċi għall-futur.
[6] Bastimenti bi skop multiplu, li jużaw tagħmir b'aktar minn irkaptu wieħed (sajd bil-konz, xlief, xlief bir-rixa)."

(22) Fl-Anness VI, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Għadd massimu ta' nases involuti fis-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran awtorizzat minn kull Stat Membru

Għadd massimu ta' nases	
Stat Membru	Għadd ta' nases
Spanja	6
L-Italja	5
Il-Portugall	2"

(23) Fl-Anness VI, il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-input massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms	Kapaċità (f'tunnellati)
Il-Greċja	0	0
Spanja	7	15 860,72
Il-Kroazja	4	7 880,00
L-Italja	3	1 160,00
Ċipru	0	0
Malta	6	17 213,00
Il-Portugall	2	667

Tabella B

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Il-Greċja	0
Spanja	11 329,09
Il-Kroazja	3 225,10
L-Italja	610,00
Ċipru	0
Malta	12 295,00
Il-Portugall	517,00"

(24) L-Anness IX huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IX

ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni bl-użu tal-konzijiet li huma awtorizzati li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20°S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	14
L-Unjoni	14

2 L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali f'żoni bejn 20°N u 20°S fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	4
L-Unjoni	4"

(25) Fl-Anness XI, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fl-Anness IA, il-Parti B, tar-Regolament (UE) 2023/194, it-tabelli għall-kavall (*Scomber scombrus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni 3a, 3b, 3c u 3d tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit fid-diviżjoni 2a; L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit fiż-żona 4; u fl-ilmijiet Norveġiżi fid-diviżjonijiet 2a u 4a jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

'Speċi:	Kavall *Scomber scombrus*		Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni 3a, 3b, 3c u 3d; l-ilmijiet tar-Renju Unit fiż-żona 2a; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk tar-Renju Unit fiż-żona 4; l-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni 2a u 4a (MAC/2A34-N)
Il-Belġju	501	(1)(2)	TAC analitika	
Id-Danimarka	29 446	(1)(2)(4)	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	523	(1)(2)		
Franza	1 579	(1)(2)		
In-Netherlands	1 589	(1)(2)		
L-Iżvezja	4 743	(1)(2)(3)		
L-Unjoni	38 381	(1)(2)		
TAC	782 066			

(1) Kundizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti ta' hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu kwantitajiet akbar minn dawk mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin.

	3a	l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni 3a, 4b u 4c	4b	4c	l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali fiż-żoni 2a, 5b, 6, 7, 8d, 8e, 12 u 14
	(MAC/*03A.)	(MAC/*3A4B-C)	(MAC/*04B.)	(MAC/*04C.)	(MAC/*2AX14)
Il-Belġju	0	0	0	0	301
Id-Danimarka	0	4 130	0	0	10 312
Il-Ġermanja	0	0	0	0	314
Franza	0	490	0	0	947
In-Netherlands	0	490	0	0	953
L-Iżvezja	0	0	390	10	2 846
L-Unjoni	0	5 110	390	10	15 673

(2) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, u bi qbil mal-Istat kostali rilevanti, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiż-żewġ żoni li ġejjin:

	l-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni 2a u 4a (MAC/*02-A4AN-)	l-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (MAC/*FRO1)
Il-Belġju	0	0
Id-Danimarka	0	0
Il-Ġermanja	0	0
Franza	0	0
In-Netherlands	0	0
L-Iżvezja	0	0
L-Unjoni	0	0

(3) Kundizzjoni speċjali: inkluż dan it-tunnellaġġ li jrid jinqabad fl-ilmijiet Norveġiżi fiż-żoni 2a u 4a (MAC/*2A4AN):

266

Meta jkun qed isir is-sajd skont din il-kundizzjoni speċjali, il-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju iswed iridu jinqatgħu mill-kwoti ta' dawn l-ispeċijiet.

(4) Fil-limiti ta' din il-kwota, id-Danimarka tagħmel it-trasferimenti li ġejjin biex jinqabdu fl-ilmijiet tar-Renju Unit u f'dawk tal-Unjoni taż-żoni 6, 7, 8d; L-ilmijiet tal-Unjoni fiż-żoni 8a, 8b u 8e; l-ilmijiet internazzjonali ta' 12 u 14; u l-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni fiż-żoni 2a u 5b (MAC/*2A14):

Il-Ġermanja	749
Spanja	1
L-Estonja	6
Franza	499
L-Irlanda	2 495
Il-Latvja	5
Il-Litwanja	5
In-Netherlands	1 092
Il-Polonja	53'''